MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Numru 211/2000

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**
**V**

**EMANUELA FAVA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUELA FAVA** ta’ hamsa w hamsin sena mart Emanuel, bint Joseph Vidal imwielda l-Marsa nhar t-tlieta w ghoxirn ta' Awissu 1944 u residenti 5, Flat 1, Triq Santu Rokku, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita numru 731144M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 1998 u matul ix-xhur ta' qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda sabiex tissodisfa z-zina ta' haddiehor, hajjret ghal prostituzzjoni lil bintha Maryrose Vella ta' tlettax il-sena

jew eccitat l-korruzjoni taghha jew ghenet jew iffacilitat din il-prostituzzjoni jew korruzzjoni u dan bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh;

Talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 1998 u fix-xhur ta' qabel din d-data, xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' bintha Maryrose Vella.

Rat d-dokumenti kollha esbiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Frar 2001 a fol 74 tal-atti.

Semghet lil imputata tiddikjara li ma kelliex oggezzjoni l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dan fis-seduta tasl-hmistax ta' Marzu 2001 kif jirrizulta a fol 76 tal-atti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbatax ta' April 2000 **xehdet WPS 24 Josephine Gauci** stazzjonata l-Vice Squad, kif jirrizulta a fol 7 et seq tal-atti fejn spjiegat li nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Novembru 1998, hija rceviet telefonata mill-Pulizija tal-Ghassa tal-Belt fejn allegaw li kien hemm tifla li kienet qed tghajjat lil xi rgiel u thajjarhom ghal prostituzzjoni. Hija, flimkien ma Ufficjali tal-istess Skwadra, WPC 64 Connie Cauchi u WPSC 18 marret u tkellmet ma din t-tifla li rrizulta li jisimha Maryrose Vella. Hija tkellmet ma din il-minuri u bla tlaqliq spjiegatilha li kienet issejjah lil irgiel biex tmur maghhom u in ritorn jaghtuha l-flus tal-atti sesswali li tkun ghamlet maghhom. Hija ghalhekk segwiet il-kaz u marret titkellem mal-Head Teacher tal-iskola li kkonfermatilha li l-minuri in kwistjoni, kienet tfalli hafna skola. Spjiegat x'kienet taghmel mal-irgiel billi tistaqsihom "Gieli ghamiltu man-nisa kif jaghmlu l-irgiel mizzewwga?" u jekk jghidu iva, tkompli tghidilhom sabiex "jinzghu u l-parti genitali taghhom jmissu mal-parti genitali taghha". Spjiegatilha wkoll li l-irgiel jmissu l-parti genitali taghha b'subajhom u sussegwentement jkollhom sess orali maghha.

Meta hija staqsiet lit-tifla a tempo vergine tal-istqarrija, kemm kienet taqla flus, hija wiegbet li gieli kienet taqla zewg liri, gieli tlett liri u gieli erbgha liri u l-flus kienet tghaddihom lil ommha l-imputata biex tixtri affarijiet tal-ikel u sigaretti.

Mistoqsija jekk ommha kienet taf b'dan kollu, it-tifla wiegbet li effettivament kienet taf u kienet ommha li kienet tibghatha mal-irgiel.

Illi nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Jannar 2003 **xehed l-Ispettur Josef Petroni** kif jirrizulta a fol 98 et seq tal-atti fejn irrelata dak li l-minuri ammettiet mieghu u cioe li kien jkollha diversi relazzjonijiet mal-irgiel ghal flus u li l-flus kienet tghaddihom lil ommha biex tixtri l-ikel u s-sigaretti. Huwa kellem wkoll lil imputata fuq dak li rrizultalu dwar il-minuri u din qaltlu li kienet taf li l-irgiel kienu jaghtu flus lil bintha izda ma kienetx taf li bintha kienet tipprostitwixxi lilha nnifisha maghhom.  Qaltlu wkoll li l-flus li bintha kienet tghaddilha kienet terga taghtihom lil istess bintha biex tixtri xi toys biex toqghod kwieta.  F'xi hin pero qaltlu wkoll li ma kelliex bizzejjed flus biex tghix u ghalhekk kienet tibghat lit-tifla mal-irgiel minhabba dan.

**L-Ispettur Sharon Tanti xehdet** nhar t-tlieta ta' Frar 2003 fejn qalet li meta tkellmet mal-minuri waqt li kienet qed tinvestiga l-kaz, hija stqarret maghha li kienet tmur mal-irgiel, tiehu l-flus u tghaddihom lil ommha.  Qalet wkoll li kien jkollha relazzjoni ma certu Pawlu.  Meta hija baghtet ghal imputata, l-imputata qaltilha li veru li bintha kienet tghaddilha xi flus li kienet taqla minghand x-xufiera tal-linja.  Hija kkonfermat li l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-minuri lil Ufficjali li kellmuha a tempo vergine fis-sena 1998 u dik lilha fis-sena 1999 baghet l-istess minkejja l-eta taghha.

**Ruth Sciberras,** impjegata fic-Child Probation Unit, spjiegat li l-minuri ammettiet maghha waqt li kienu fil-playroom tac-Child Protection, li hija kienet tmur mal-irgiel u taqla flus skond dak li taghmel.  Jekk taghmel sess orali tiehu sebghin centezmu, filwaqt li jekk taghmel masturbazzjoni, taqla aktar.  Ikkonfermat li intercourse

qatt ma ghamlet, pero kienet giet mbaghbsa. Meta staqsietha x'kienet taghmel bil-flus, qalet li kienet tghaddihom lil ommha.

**Marthese Schiavone** social worker dak iz-zmien mac-Child Protection Services, xehdet nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 fejn ikkonfermat wkoll li l-minuri qaltilha li ommha l-imputata kienet tibghatha mal-irgiel sabiex tipprostitwixxi ruhha u li kienet tithallas skond dak li taghmel. Semmiet wkoll li kienet taghmel sess orali u masturbazzjoni, pero dejjem zammet hwejjigha fuqha.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2000 **xehed Paul Aquilina** kif jirrizulta a fol 37 et seq tal-atti fejn qal li lil minuri Maryrose Vella ma kienx jafha u li qatt ma kien raha f'hajtu qabel, dakinhar li kien il-Qorti.

**Il-Qorti ghalhekk ordnat konfront bejn dan Pawlu Aquilina u bejn il-minuri Maryrose Vella**. Il-minuri, fil-presenza tieghu spjiegat kif saret tafu u cioe li kienet ratu il-bahar meta kienet ma ommha u dakinhar kien espona ruhu. Spjiegat li wara dan l-avveniment hadha d-dar mieghu. Ikkonfermat li joqghod il-Birgu hdejn l-Kazin tal-Labour u ghandu bieb isfar. Iddeskriviet d-dar tieghu u qalet li din d-dar tikkonsisti f'zewg sulari, li appena tiftah l-bieb principali ssib tarag. Fuq in-naha tal-lemin, appena titla t-tarag, hemm washing machine u fuq in-naha tax-xellug kien hemm kamra tal-banju. Kompliet tispjiega li fuq in-naha tax-xellug kellu ghamara bil-fajjenza u appena tidhol 'l gewwa, hemm sodda fuq il-lemin. Minn hdejn s-sodda hemm bieb li jinfed ghal kcina kif wkoll ghan-naha tal-btiha fejn hemm il-machine. Spjiegat li f'din il-kamra f'kexxun minnhom ghandu videos u fil-kamra tas-sodda ghandu television. Qalet li kamra wahda biss hemm, imbaghad hemm wahda zghira li tinfed ghal bitha u f'din il-kamra z-zghira, hemm kcina b'cupboard, fridge u microwave. Gol bitha kien hemm tarag li jinfed ghal fuq u li fuq hemm xi strumenti musikali bhal kitarri. Kien hemm fiha wkoll xi statwi tal-Madonna u San Gusepp u xi affarijiet ohra tal-knisja.

Dak il-hin stess, Pawlu Aquilina qal li dak li qalet l-minuri ma kienx minnu ghaliex huwa kellu tmint ikmamar u erbgha sulari, ghalkemm kien minnu li joqghod il-Birgu, ma gemb il-Kazin tal-Labour u li l-bieb principali tieghu huwa mizbugh isfar.

Il-minuri minnufih ziedet tghid li wara l-bieb kien jzomm il-mutur tieghu u Pawlu Aquilina wiegeb li veru ghandu mutur, anzi ghandu tnejn u jzommhom hemmhekk.

Ikkonfermat li 'affarijiet hziena' mieghu kienet taghmel u li hu kien jaghtiha l-flus biex tghaddihom lil ommha.

A bazi ta' din x-xhieda, b'digriet taghha tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2000, il-Qorti nnominat lil Perit Valerio Schembri, sabiex jzomm access fil-fond 19, Triq Ilbic, Birgu fil-presenza tal-imputat u jhejji pjanta tal-ghamara ndikata fl-ewwel sular tal-istess fond, jaghmel pjanta li tindika t-tarag mill-bitha u ghal fejn jaghti dan t-tarag u jaghti deskrizzjoni tal-kmamar u l-kontenut taghhom.

Illi nhar t-tmintax ta' Jannar 2001, il-**Perit Valerio Schembri ippresenta r-relazzjoni tieghu** li tinsab esibita fl-atti bhala dokument VS a fol 57 u minn ezami tal-istess jirrizulta bic-car li d-deskrizzjoni moghtija mill-minuri tal-fond u l-oggetti ta' go fih, kienet wahda preciza u dettaljata ghall-ahhar u ghalhekk hija veritiera u ghandha titwemmen fl-intier taghha.

**Il-minuri Maryrose Vella xehdet nhar l-erbatax ta' April 2000** kif jirrizulta a fol 12 et seq tal-atti u dan wara li l-Qorti spjiegatilha t-tifsira u l-importanza tal-gurament, u dan meta kellha hmistax il-sena, u cioe sentejn wara li gie rapportat il-kaz, u cioe tlett gimghat wara li l-imputata tressqet il-Qorti. Il-minuri fiz-zmien li xehdet kienet qed tghix fl-Istitut Fejda. Mistoqsija ghaliex kienet fl-Istitut, il-minuri wiegbet ghaliex kienet 'tittallab il-flus' biex tghaddihom lil ommha u li kienet taghmel hekk sabiex ommha tixtri l-affarijiet tal-ikel.

Hija spjiegat kif darba minnhom il-Pulizija sabuha l-Belt tistaqsi ghal flus minghand l-irgiel u hija kienet taghmel

'affarijiet hziena maghhom'. Spjiegat li l-irgiel kienu joqghodu jmissu l-parti genitali taghha u jpoggu l-parti genitali taghhom f'halqha. Spjiega wkoll li kienet tmur d-dar ma whud minn dawn l-irgiel, fosthom ghand ragel mill-Belt u Pawlu tal-Birgu. Ghand Pawlu kienet tmur kuljum biex taghmel dawn l-affarijiet u kien jaghtiha zewg liri kuljum, billi jew jigborha mill-iskola jew addirittura tfalli l-iskola. Sostniet ripetutament li l-flus kienet tghaddihom kollha lil ommha.

Dwar qalitx lil ommha x'kienet taghmel mal-irgiel, il-minuri l-ewwel qalet li kienet tghidilha, izda wara stqarret li kienet ommha li kienet tibghatha mal-irgiel. Qalet wkoll li kien minnu li lis-Surgent tal-Pulizija qaltilha li ommha kienet taf x'kienet taghmel mal-irgiel ghaliex kienet tghidilha x'kienet taghmel ma Pawlu go daru.

Illi **nhar il-hmistax ta' Mejju 2001 il-minuri Maryrose Vella regghet xehdet** kif jirrizulta a fol 79 et seq tal-atti u wara li ghal darb'ohra gie spjiegat lilha t-tifsira u l-importanza tal-gurament, meta regghet giet mistoqsija jekk kienx minnu li ommha kienet taf b'dak li kienet taghmel ghand Pawlu, hija wiegbet fl-affermattiv w ikkonfermat li meta kienet xehdet precedentement, kienet qed tghid il-verita kollha.

**L-imputata Emanuela Fava irrilaxxjat stqarrija** nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1998 liema stqarrija tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument JP a fol 100. Minn ezami ta' din l-istqarrija mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni, hija tghid li kienet taf li bintha tistieden lil irgiel biex imorru maghha pero ma kienetx taf bir-rapport li wasal ghand il-Pulizija f'dan r-rigward. Spjiegat li kienet taf li bintha minuri tmur mal-irgiel ghal flus pero dak li kienet taghmel maghhom qalet li ma kienetx taf. Spjiegat li kienet tghix bl-Ghajnuna Socjali li kienet tircievi u cioe s-somma ta' tmienja w tletin lira fix-xahar mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u b'dak li kienet tghaddilha bintha u dan ghaliex, fil-fehma taghha, ma kellhiex bizzejjed flus biex tghix. Mistoqsija jekk kellhiex x'izzid mal-istqarrija, hija wiegbet ex admissis "*Le, li nrabbi l-ghaqal jien u*

*trabbi l-ghaqal t-tifla, terga tibda tmur l-iskola u tigi mieghi kull fejn immur jien.*" [vide fol 101 tal-atti odjerni].

Meta **l-imputata xehdet il-Qorti** nhar t-tlieta ta' Mejju 2004, hames snin u nofs wara li rrilaxxjat l-istqarrija taghha fuq citata bhala dokument JP, l-imputata biddlet il-versjoni kollha u qalet li ma kienetx taf li bintha tmur mal-irgiel ghal flus izda li kienet taf li titlob flus lix-xufiera tal-linja ghaliex ma kienx jkollha flus biex taqbad tal-linja. Qalet pero li veru kienet tghaddilha xi flus izda wara ftit terrga titlobhomlha lura biex tixtri xi helu jew toys. L-imputata qalet wkoll li gieli pero kienet taghtiha nofs lira u gieli zewg liri. Qalet li bintha kienet tghidilha li skola ma kienet tmur pero mhux li tmur mal-irgiel ghas-sess. Hija kkonfermat li tghix bl-Ghajnuna Socjali u lil bintha gieli tatha nofs lira u gieli lira. Qalet wkoll li bintha kienet tmur tahsel ghand in-nies fosthom ragel mill-Birgu u dan kien jaghtiha flus ghax tnaddaflu.

Illi fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda li l-imputata tat il-qorti fit-tlieta ta' Mejju 2004, ma hiex kredibbli u ghandha tigi skartata in toto, filwaqt li dak li qalet fl-istqarrija taghha fil-bidu nett tal-investigazzjoni, huwa aktar veritier u dan ghaliex jinsab korroborat minn bintha minuri stess, l-vittma ta' dan l-kaz.

Illi ma hemmx dubbju li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova z-zewg akkuzi taghha u cioe it-thajjir ghal prostituzzjoni tal-minuri Maryrose Vella ai termini tal-artikolu 204(1) tal-Kap 9 kif aggravat bis-sub inciz (c) tal-istess artikolu 204 u li l-istess imputata ghexet minn fuq il-prostituzzjoni ta' bintha minuri, jekk mhux ghal kollox, ghaliex kienet tircievi l-Ghajnuna Socjali tal-Gvern, zgur li kienet tghix in parti minn fuqha [vide artikolu 7(1)(3) tal-Kap 63].

**Dwar il-piena**, il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputata esibita a fol 2 tal-process minn fejn jirrizulta li hija diga kisret dufrejha mal-gustizzja f'erbgha okkazzjonijiet ohra, ghalkemm fuq kontravenzjonijiet ta' portata zghira, meta dejjem inghatat canfira. Pero ghalkemm l-imputata ghandha kondotta relattivement tajba, il-Qorti xorta thoss li ghandha tkun severa maghha fl-applikazzjoni tal-piena u

dan ghaliex tali reati huma abborranti, molto piu meta jigu kommessi minn omm fuq bintha minuri.

Il-Qorti rat li llum il-gurnata t-tifla Maryrose Vella m'ghadhiex minuri u fil-fatt fid-dsatax ta' Ottubru 2004 ser tghalaq ghoxrin sena u ghalhekk l-inkarcerazzjoni ta' ommha, l-imputata, m'ghandhix ikollha daqshekk effett fuqha aktar mit-trawma li ghaddiet minnha minhabba dan l-agir tant irresponsabbli u egoist tal-istess imputata.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 204(1)(c)(d) tal-Kap 9 u l-artikolu 7(1)(3) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddecidi li tikkundanna lil imputata EMANUELA FAVA ghal piena ta' prigunerija effettiva ta' tlett snin mill-lum.**

Tordna in oltre li t-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn **Pawlu Aquilina** nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru 2000 [fol 37 et seq] u l-konfront li sar ma Maryrose Vella jintbaghtu lil Kummissarju tal-Pulizija sabiex dan **jigi investigat dwar r-reat ta' gurament falz**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------